**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

MINUTI

`

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 85/2018

11 ta' Gunju, 2018

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
James Cauchi - Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**SKUZAT:**
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qrat korrispondenza li kienet intbaghtet mill-kunsilliera Roderick Mamo, Noyah Spiteri u Antonia Perini. Permezz tal-korrispondenza msemmija, il-Kunsilliera in-kwistjoni talbu lill-Kunsill Lokali jiskuzahom minhabba ragunijiet ta' xoghol, studju u sahha rispettivament. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiggustifika l-assenza tal-Kunsilliera mis-seduta.

## Minuti

### 85.1 Sejhiet ghall-Offerti

85.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi l-accountant tal-Kunsill Lokali kien informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba kunflitt ta' interess li kellu wara li kien qabad impjieg gdid, kien qieghed b'effett immedjat jirrizenja mill-kariga ta' accountant mal-Kunsill Lokali ta' Bormla u ghaldaqstant ixolji l-kuntratt li kellu mal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi ghaldaqstant kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar kif kellu jipprocedi l-Kunsill Lokali.

85.1.2 Is-Sindku sahqet illi fl-opinjoni taghha filwaqt li l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' accountant, kien hemm il-htiega illi fl-immedjat jingabru kwotazzjonijiet bil-ghan illi sakemm tinhareg is-sejha ghall-offerti, il-Kunsill Lokali ikun jista' jibqa' ghaddej bl-aggornament tas-sistemi ta' accounts u rapporti finanzjarji. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettall abbozz ta' dokument li kien gie mhejji mill-amministrazzjoni ghas-sejha ghall-offerti msemmija.

Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega d-dettalji tas-sejha ghall-offerti, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti bid-dokument hekk kif abbozzat. Kien hemm qbil ukoll illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tigbor kwotazzjonijiet bil-ghan illi sakemm tigi aggudikata s-sejha ghall-offerti, il-Kunsill Lokali ikun jista' jaghmel uzu minn servizzi ta' *accountant.*

Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 27 ta' Gunju 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 27 ta' Ġunju 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _______________ | __________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |